MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2013

Numru 1263/2012

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputata, detentrici ta' karta ta' l-identita bin-numru 491484(M);

Akkuzata talli fid-19 ta' Ottubru 2012 gewwa Ward 8B l-Isptar Monte Carmeli li jinsab fi Triq Mdina, Attard:

1. Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe fuq il-persuni ta' WPC 7 Theresa Cuschieri u WCO 15 Mary-Jane Camilleri u dan ai terminu tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U l ktar talli that l-istess lok, hin u cirkostanzi, ingurjaw jew heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed

jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe fuq il-persuni tal-istess persuni msemmija fl-ewwel akkuza u dan ai terminu tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Ukoll talli saret ricediva ai terminu ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

4. Il-Qorti kienet mitluba tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija ufficjali kif jidhrilha xieraq skond l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet lill-imputata tammetti l-akkuzi, f’liema ammissjoni baqghet tinsisti anke wara li l-Qorti tat zmien biex tirrikonsidra;

Fuq tali ammissjoni volontarja u inkondizzjonata, rat l-Artikolu 95, 96, 49, 50 u 17 tal-Kap 9 u tiddeciedi billi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tpoggieha taht il-harsien ta’ ufficjal tal-Probation ghal zmien tliet snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------